**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 22 ta' Settembru, 2021**

**Talba Nru: 153/2021PM1**

**Grace Borg (KI 760251(M))**

**Vs**

**Ervis Cara**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit- 28 ta' Mejju, 2021 permezz ta' liema l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett elef euro (€3,000) rapprezentanti somma ta' flus mislufa mill-attrici lill-konvenut u liema somma il-konvenut baqa' ma hallasx minkejja li gie debitament interpellat diversi drabi u minkejja wkoll diversi weghdiet ta' hlas da parti tieghu ; bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra legali datata 4 ta' Marzu, 2021 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra l-kopja tal-ittra legali datata 4 ta' Marzu, 2021 annessa mal-istess avviz.

Ra li l-konvenut gie ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tat-8 ta' Lulju, 2021, tas-16 ta' Settembru, 2021 u lanqas ghas-seduta tal-lum.

Sema' x-xhieda tal-attrici li permezz taghha ikkonfermat li s-somma mitluba tirrapprezentata somma ta' flus li hija sellfet lill-konvenut fuq medda ta' zmien u li minkejja li huwa gie diversi drabi interpellat u minkejja li huwa wkoll wieghed li ser iwettaq pagamenti huwa baqa' ma hallas xejn. Ghaldaqstant l-ammont mitlub permezz tal-kawza ghadu kollu dovut minnu. Hija ezebit messagg datat 10 t'Awwissu, 2021 fejn il-konvenut staqsa ghall-kont bankarju tal-attrici sabiex ihallasha elf euro (€1000). Mill-istess messaggi jirrizulta li mhux biss ma sarx il-hlas imma lanqas kien hemm intenzjoni da parti tal-konvenut li jhallas spejjez legali in konnessjoni mal-kawza odjerna li kienet diga` giet prezentata. Mill-messaggi tal-whatsapp skambjati f' Ottubru, 2020 u fix-xhur ta' wara jidher li din mhux l-ewwel darba li l-konvenut wieghed pagamenti li ma sarux. Giet prezentata wkoll ricevuta li turi li parti mis-somma mitluba giet trasferita lill-konvenut tramite istituzzjoni finanzjarja.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tas-16 ta' Settembru, 2021 u fil-fatt il-konvenut ma deherx sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirrizulta sodisfacentement ipprovata tramite x-xhieda tal-istess attrici u wkoll tramite d-dokumenti ezebiti. It-Tribunal jinnota li, madanakollu, ma tressqet ebda prova dwar l-ispejjez relattivi ghall-ittra legali u allura l-ispejjez taghha ma jistghux jigu likwidati. Fir-rigward tal-ispejjez gudizzjarji dawn ghandhom jigu sofferti mill-konvenut flimkien mal-imghaxijiet legali fuq is-somma mitluba mill-hamsa (5) ta'Lulju, 2021, data li fiha gie kkonfermat li l-konvenut kien gie notifikat bil-kawza odjerna, sad-data tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u kwindi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess attrici s-somma ta'

tlett elef euro (€3000) rapprezentanti somma mislufa mill-istess attrici lill-istess konvenut, bl-ispejjez tal-kawza u bl-imghaxijiet legali sa mill-5 ta' Lulju, 2021 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**